QALA

Ref Nru: 23

Il-minuti tat-tlieta u ghoxrin laqgha tas-sitt leglislatura tal-Kunsill Lokali Qala, li nzammet nhar it-Tnejn 3 ta' Marzu 2014, fis-7:00 ta' fil-ghaxija, fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill.

Prezenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Clint Camilleri |
| Vici Sindku: | Paul Buttigieg |
| Kunsillieri: | Paul Buttigieg<br>Jesmond Borg<br>Victor Grech |
| Segretarja Ezekuttiva: | Marcia Borg |

Skuzat:

| | |
|---|---|
| Ambaxxatur: | Christoph Caruana |

**1 Talba**

1.1 Il-laqgha nbdiet permezz ta' talba u giet preseduta mis-Sindku.

**2 Approvazzjoni tal-minuti tat-tnejn u ghoxrin laqgha.**

2.1 Peress li l-minuti tat-tnejn u ghoxrin laqgha tqassmu qabel dawn gew ikkonsiderati bhala moqrija u gew approvati unanimament.

**3 Il-progett ta' *embellishment* ta' Pjazza San Guzepp u sigar ezistenti.**

3.1 Is-Sindku semma li nhar is-Sibt 15 ta' Frar 2014 gie ffirmat il-ftehim bejn il-Kunsill, l-Kurja, l-Parrocca tal-Qala u l-Ministeru ghal Ghawdex dwar il-progett tal-*embellishment* ta' Pjazza San Guzepp. Is-Sindku semma li ghandha tinhareg sejha ghal stima ghal *uplighting* fil-Pjazza jew tintalab stima minghand Gatt Tarmac Ltd., il-kuntrattur li ser jissupplixxi u jqieghed il-porfido fil-Pjazza. Il-Kunsillier Paul Buttigieg issuggerixxa li ghandu jigi kkunsultat l-Arcipriet dwar din is-sistema tad-dawl. Is-Sindku semma li nhareg permess sabiex jinqalghu s-sigar tal-palm li hemm fil-pjazza. Dwar is-sigar l-ohra huwa qal li ghad

m'hemmx risposta. Huwa semma li l-ispejjes sabiex jinqalghu dawn is-sigar huma ta' €1,000 kull sigra. Huwa semma li ma jafx ezatt x'ser jsir, dwar ghandhomx jinqalghu jew le. Giet trattata korrispondenza dwar din il-materja li huma ittra li l-Kunsill ircieva minghand Enzo Cachia mill-MEPA datata 11 ta' Frar 2014 dwar l-applikazzjoni tal-Kunsill DN 00181/14, ittra li l-Kunsill ircieva minghand il-Perit David Vassallo mit-Transport Malta b'referenza Non MEPA 446 u ittra minghand Carmel Farrugia mill-*Paying Agency* MSDEC dwar approvazzjoni ghall-estenzjoni ghal progett mizura 313.

**4 Approvazzjoni tar-rapport u l-*financial statements* ghas-sena finanzjarja 2013.**

4.1 Gie trattat ir-rapport u l-*financial statements* ghas-sena finanzjarja Jannar – Dicembru 2013 li gew ippreparati mill-Kunsill. Il-Kunsill unanimament approva dan ir-rapport u l-*financial statements.*

**5 Ghazla ta' kwotazzjoni ghal provvista, installazzjoni, testjar, operazzjoni u manutenzjoni ta' *online streaming* tal-laqghat tal-Kunsill Lokali Qala.**

5.1 Ghall-kwotazzjoni ghal provvista, installazzjoni, testjar, operazzjoni u manutenzjoni ta' *online streaming* tal-laqghat tal-Kunsill Lokali Qala li nharget ghal pubbliku, giet sottomessa kwotazzjoni wahda minghand Ing Joe Mallia ta' CTL House, F. Abela Street, Zejtun. Din il-kwotazzjoni nfethet fil-pubbliku nhar il-Gimgha 28 ta' Frar 2014 f'nofsinhar fil-prezensa l-Vici Sindku Paul Buttigieg, il-Kunsillier Jesmond Borg u s-Segretarja Ezekuttiva Marcia Borg. Il-prezzijiet li gew sottomessi gew mnizzlin f'skeda ta' kwotazzjonijiet li kopja taghha giet annessa ma dawn il-minuti. Il-Kunsill studja u ddiskuta l-prezzijiet li gew offruti u wara dan unanimament iddecida li jaccetta din il-kwotazzjoni.

**6 Karnival 2014.**

6.1 Il-Kunsill iddiskuta l-attivita` tal-Karnival 2014 li kienet ta' success.

**7 Servizz tas-Sigurta` Socjali estizi u offruti mill-Kunsill Lokali Qala.**

7.1 Is-Sindku semma li huwa gie avvicinat mill-Ministru l-Onor. Marie Louise Coleiro Preca sabiex jigu offruti s-servizzi tas-Sigurta` Socjali lir-residenti tal-lokalita` fil-Kunsill Lokali Qala. Il-Kunsill qabel ma dan. Giet trattata diversi korrispondenza li saret bejn il-Kunsill u d-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali datati 19 u 22 ta Frar 2014, l-1 u t-3 ta' Marzu 2014.

**8 Gemellagg.**

8.1 Il-Kunsillier Victor Grech semma li huwa ghad ifittex ftit fuq xi lokalitajiet f'Sqallija u l-Italja. Gie deciz li ghandu jsir gemellagg ma' lokalita` fl-Italja.

**9 Progetti ta' tisbih madwar il-lokalita` tal-Qala.**

9.1 Is-Sindku semma li huwa kien qed jitkellem mal-Perit Edward Scerri dwar progetti ta' tisbih zghar li jistghu jsiru madwar il-lokalita` bhal per ezempju twahhil ta' bankijiet, fanali f'certu postijiet. Il-Kunsill qabel ma dan. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li ghalkemm jaqbel ma din il-proposta wiehed irid joqghod attent li ma jitwahhlux f'postijiet li jdejqu n-nies bhal per ezempju quddiem xi ghalqa ta' xi hadd.

**10 Materji ohra.**

10.1 Is-Sindku ta spejgazzjoni dwar x'hemm ipprogettat li jsir mill-Ministeru ghal Ghawdex fid-distillatur li hemm fil-bajja ta' Hondoq ir-Rummien.

10.2 Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li hemm l-ghajdut li huwa qed ikun involut fl-artikli li qed jidhru dwar il-pannelli *photovoltaic* fi 'Gnien il-Hajja' li m'humiex jahdmu. Huwa stqarr li dan mhux minnu. Is-Sindku semma li kien hemm diversi messaggi fuq l-ahbarijiet dwar dawn il-PV's u li dan qed isir minn xi membru tal-Kunsill. Is-Sindku semma wkoll li qed ikun hemm hafna *blogs* fuq is-sitwazzjoni ta' Ta' Muxi wkoll. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li affarijiet bhal dawn qed iccapsu lill-Kunsill kollu u ma jaghmlux gid lill-Kunsill.

10.3 Il-Kunsillier Jesmond Borg semma li qed jittiehed l-ilma mill-latrina pubblici li hemm fil-bajja ta' Hondoq ir-Rummien. Gie diskuss li dawn il-latrini m'ghandhomx ghalfejn jibqghu miftuhin mal-lejl u ghalhekk gie deciz li ghandhom jinghalqu bil-lejl.

10.4 Il-Vici Sindku ta rendikont ta' dak li ntqal waqt is-smiegh tal-MEPA dwar l-applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp fil-wied tal-Marga.

10.5 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lid-Direttur Joseph Portelli tad-Dipartiment tal-Progetti u Zvilupp dwar il-kuntratti li ghandu l-Kunsill mad-Dipartiment tal-Agrikultura dwar tindif u mantenzjoni ta' gonna pubblici u *soft areas*, sabiex dawn jitwaqqfu.

10.6 Gew trattati tliet talbiet ghal bozoz godda tat-triq bin-numri PR 49 13, PR 51 13 u PR 52 14. Il-Kunsill iddiskuta l-*bill of quantities* tal-bozza PR 49 13 fi Triq Wied Simar peress li l-istima sabiex isir din il-bozza hija ferm gholja.

10.7 Gew trattati l-ilmenti li dahlu fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill mill-1 t' Novembru 2013 sat-3 Marzu 2014 minn referenza numru 207/13 sa referenza numru 241/13 u minn referenza numru 01/14 sa referenza numru 33/14 (registru tal-ilmenti ohra) u minn referenza numru 71/13 sa referenza numru 88/13 u minn referenza numru 1/14 sa referenza numru 15/14 (registru tal-ilmenti xoghlijiet).

10.8 Is-Segretarja Ezekuttiva qrat l-iskedi tal-hlasijiet bir-referenzi SP 1/2014, SP 2/2014, SP 3/2014, SP 4/2014, SP 5/2014, SP 6/2014. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni ghall-kontijiet mnizzlin f'dawn l-iskedi. Ghalhekk dawn l-iskedi gew approvati unanimament.

**11. Korrispondenza.**

11.1 Giet trattati din il-korrispondenza:

11.2 Ittra mibghuta minn Carmel Camilleri minghand id-Direttorat ghat-Tmexxija tal-Proprjeta` dwar il-bankina/rampa tal-latrina l-gdida li hemm fi Triq it-28 t'April 1688 fejn il-Kunsill gie informat li manutenzjoni tal-bankini jaqghu taht ir-responsabilita` ta' Transport Malta. Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lil Transport Malta.

11.3 Ittra mibghuta minn Jeanette Abdilla mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar rapport tal-Awditur Generali ghas-sena 2012. Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lid-Dipartiment bil-kummenti fuq dan ir-rapport.

11.4 *Evaluation reports* dwar l-offerti 5/2013 u 6/2013 u l-kwotazzjonijiet 1-4/2013 li gew ppreparati mill-Periti Edward Scerri, Krista Xuereb u David Cilia.

11.5 Zewg ittri mibghuta minn Qala Saints Football Club. Wahda minnhom *invoice* dwar il-manutenzjoni tas-*synthetic pitch* li hemm fil-*ground* tal-*football* u l-ohra ittra dwar talba ghall-ghajnuna finanzjarja ghal kalendarju 2014. Il-Kunsill qabel ma dawn it-talbiet.

Il-laqgha ntemmet fid-9:00 ta' filghaxija. Laqgha ohra giet stabbilita ghal nhar it-Tlieta 22 t'April 2014.

| | |
|---|---|
| ____________________ | ____________________ |
| Clint Camilleri | Marcia Borg |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |